# 8 ta' Novembru, 1988

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can.(Rome), LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

versus

Francis Casaletto

**Volontarjetà ta' l-Istqarrija – Funzjoni ta' l-Imħallef – *Misdirection* – Stratagemma – *Caution* – Arrest Illegali – Intenzjoni Omiċida – Stqarrijiet ta' Xhud – Konkawża – Ferita Gravi Segwita bil-Mewt**

*F'ġuri l-Imħallef għandu l-funzjoni u d-dover li jispjega lill-ġurati l-aspetti legali involuti fil-każ, iżda dan ma jfissirx li għandu jirrelata t-teżi tad-difiża għal dawk li huma punti ta' liġi qisu kienet dik biss il-liġi; anzi għandu d-dover li jistrada lill-ġurati fit-triq korretta għal dik li hi liġi u li jekk il-liġi tkun ġiet prospettata ħażin mid-difiża huwa jispjega x'inhi l-interpretazzjoni korretta tal-liġi.*

Skond l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali stqarrija biex tkun *ammissibbli trid tkun* volontarja. *It-theddid, il-biża', il-wegħdiet u t-twebbil ta'* vantaġġi, *li huma speċifikament imsemmija f'dak* l-artikolu, *awtomatikament jivvizjaw* l-istqarrija. *Il-qerq jew ingann jista' jivvizja stqarrija jekk* dan *il-qerq jew ingann jinċidi fuq il-volontarjetà ta' l-istess stqarrija jew jekk dana l-qerq jew ingann ikun jammonta għal wieħed miċ-ċirkostanzi speċifikament imsemmija fl-artikolu 658 tal-Kodiċi* Kriminali.

*Skond il-ġurisprudenza tagħna dikjarazzjoni, anke jekk ottenuta bi stratagemma, hi ammissibbli fil-konfront ta' l-akkużat basta li jekk tammonta għal konfessjoni ma tkunx ġiet ottenuta bi strataġemma li tammonta għal xi wieħed mid-difetti msemmijin fl-artikolu 658.*

*Għalkemm huwa desiderabbli ħafna li l-caution tingħata dejjem u li tingħata sew, il-fatt li ma tingħatax ma jivvizjax awtomatikament l-istqarrija.*

*Anqas l-arrest illegali ma jivvizja awtomatikament l-istqarrija.*

*Skond id-dottrina l-intenzjoni hija indiretta meta l-event kien sempliċement konsegwenza possibbli ta' l-actus reus, liema event jew ma kienx previst jew kien previst iżda mhux mixtieq. Jekk tali event kien previst u minkejja dan l-actus reus kien mixtieq u volontarju allavolja l-konsegwenza ma kinitx mixtieqa, l-intenzjoni indiretta tissejjaħ posittiva. Jekk, mill-banda l-oħra, l-event possibbli ma kienx la mixtieq imma lanqas previst, l-intenzjoni indiretta tissejjaħ negattiva.*

*L-istqarrijiet ta' xhud ma jistgħu qatt jibbenefikaw minn dak previst mill-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Id-dottrina tal-konkawża ma tista' qatt tapplika għad-delitt ta' omiċidju volontarju peress li l-intenzjoni fil-ferita gravi segwita bil-mewt neċessarjament teskludi l-intenzjoni li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar.*

Il-Qorti:

Rat l-att ta' l-akkuża numru 45/82 permezz ta' liema Francis Casaletto ġie akkużat bl-omiċidju volontarju ta' martu;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali mogħtija fit-13 ta' Novembru 1985 li biha wara li semgħet il-verdett tal-ġurati li bih b'sitt voti kontra tlieta sabu lill-akkużat Francis Casaletto ħati skond l-att ta' l-akkuża, iddikjarat l-istess Francis

*Casaletto* ħati *talli dolożament bil-ħsieb li joqtol persuna jew li* jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar ikkaġunalha l-mewt u kkundannatu għall-piena tal-priġunerija ta' tmintax-il sena li minnu kellu jitnaqqas il-perijodu ta' arrest preventiv li l-istess Francis Casaletto għamel sa dak in-nhar tas-sentenza in konnessjoni ma' dan il-każ u kkundannatu wkoll iħallas lir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati l-ispejjeż kollha taxxati tal-perizji li saru in konnessjoni mal-każ;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Francis Casaletto ppreżentat fit-2 ta' Diċembru 1985 li permezz tiegħu filwaqt li interpona appell mill-verdett u sentenza tat-13 ta' Novembru 1985 li bihom wara li ġie misjub ħati skond l-att ta' l-akkuża b'sitt voti kontra tlieta, ġie kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien tmintax (18)-il sena, li minnha għandu jitnaqqas iż-żmien ta' l-arrest preventiv, talab bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha tħassar il-verdett ta' ħtija u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant mill-akkuża u piena inflitta;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni inklużi t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodott u mismugħa tul il-ġuri kif ukoll dik ta' l-arringa tad-difiża u ta' l-indirizz ta' l-Onorevoli Mħallef *li ppresjeda l-ġuri;*

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u difensur ta' l-appellant;

Ikkunsidrat:

Illi peress illi l-appellant għandu xejn inqas minn tnax (12)-il *aggravju ta' l-appell, din il-Qorti sejra tikkonsidrahom wieħed*

wieħed *seriatim* kif ingħataw anki jekk xi wħud minnhom huma intimament konnessi ma' xulxin;

*Omissis;*

Illi fil-parti inizjali tad-difiża l-għaref difensur ta' l-akkużat filwaqt li kien qed jintroduċi lill-ġurati l-aspett tal-volontarjetà ta' l-istqarrijiet ta' l-akkużat u wara li ċċita l-artikolu 658 (allura l-artikolu 654) tal-Kodiċi Kriminali ssottometta li għalkemm dan l-artikolu ma jsemmix il-kelma qerq però l-Qrati tagħna dejjem qalu li din il-vjolenza tinkludi wkoll l-ingann u l-qerq li jammontaw għal vjolenza morali (T.3.6/7);

Imbagħad spjega lill-ġurati li stqarrija volontarja tkun dik fejn l-investigaturi jnizzlu dak li jkun qiegħed jgħid l-interrogat u jekk inizzlu affarijiet li ma jkunx qal dik ma tkunx stqarrija volontarja. Hu spjega wkoll li t-teżi tad-difiża apparti l-aspett ta' l-arrest illegali kienet ukoll fis-sens li fl-*istatements* tal-25 u tas-26 ta' Ottubru 1981 l-Ispettur Psaila kien nizzel affarijiet li l-akkużat ma kienx stqarr miegħu u li dan kien jammonta għal qerq liema qerq allura skond hu kien jirrendi l-istqarrijiet privi mill-element essenzjali ta' volontarjetà;

Kien ovvju li hawn id-difensur kien qed jikkonfondi l-aspett tal-volontarjetà mal-kunċett tal-veraċità u ġenwinità ta' konfessjoni u fil-fatt kif loġikament mistenni l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri interrompih u qallu "Biex nara jekk inhix nifhmek sew. Jiġifieri inti t-teżi tiegħek hija li l-istqarrija, l-istqarrijiet ta' l-akkużat huma volontarji imma inveritjeri, korrett? Almenu f'xi partijiet", u ftit wara żied "Illi donnu qed jissottometti li huma volontarji però inveritjeri, u donnu qed jissottometti li huma involontarji għaliex hemm l-ingann"

(*T.3.8/9*). *Għal dawn* l-interventi d-difensur ta' l-akkużat spjega li minħabba l-eżistenza ta' l-ingann u l-qerq li kien indika l-istqarrijiet mhux kienu volontarji imma inveritjeri iżda sempliċement kienu mhux volontarji għax kienu jirriflettu l-volontà ta' l-Ispettur Psaila u mhux ta' l-akkuża (T.3.9/10);

Jidher ċar mit-traskrizzjoni tad-dibattitu li segwa li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma kienx qed jaqbel ma' din l-interpretazzjoni legali li kien qed jippostula d-difensur u flok issorprendih fl-indirzz reġa' interrompih diversi drabi waqt l-arringa biex iwassallu dan il-messaġġ u tiġi ċċarata lill-ġurati l-posizzjoni legali. Infatti f'parti inoltrata ta' l-arringa l-Imħallef reġa' ġibed l-attenzjoni tad-difensur li ma kinux qed jaqblu fuq din il-kwistjoni u li d-difensur kien qed iħawwad il-kunċetti ta' volontarjetà u veraċità (T.9.19) għal-liema interruzzjoni d-difensur stranament wieħeb li kienu qed jgħidu l-istess ħaġa f'termini differenti. L-Imħallef allura osservalu li dan ma kienx korrett għaliex jekk skond it-teżi tad-difiża parti minn dawn l-istqarrijiet kienet veritjera u parti kienet invenzjoni ta' l-Ispettur u d-difiża kienet qed titlob li tiġi skartata l-parti inventata u tibqa' l-parti li tirrispekkja l-verità ma setgħetx kienet qed tipprospetta t-teżi ta' l-involontarjetà ta' l-istqarrijiet għaliex jekk stqarrija mhix volontarja skond l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali tiġi skartata kompletament u mhux in parti. Din il-verità legali evidentement ma kinitx fl-interess tad-difiża u d-difensur reġa' rrepeta li fil-fatt l-Imħallef u hu kienu qed jgħidu l-istess ħaġa, ħaġa li però l-Imħallef immedjatament ikkoreġih fuqha għax fil-fatt kienu qed iħarsu lejn il-kwistjoni b'mod dijametrikament oppost;

*Omissis;*

Illi jekk hemm ħaġa li d-difensur żgur ma jistax u ma setax jippretendi hi, li jekk aspett legali involut fid-difiża jkun ipprospettah skorrettament lill-ġurati dan għandu jiġi ripetut mill-Imħallef fl-indirizz kif ikun qalu hu. F'ġuri l-Imħallef għandu l-funzjoni u d-dover li jispjega lill-ġurati l-aspetti legali involuti fil-każ iżda dan ma jfissirx li għandu jirrelata t-teżi tad-difiża għal dawk li huma punti ta' liġi qisu kienet dik biss il-liġi; anzi għandu d-dover li jistrada lill-ġurati fit-triq korretta għal dik li hi liġi u li jekk il-liġi tkun ġiet ipprospettata ħażin mid-difiża huwa jispjega x'inhi l-interpretazzjoni korretta tal-liġi. L-artikolu 465 tal-Kodiċi Kriminali wara kollox fost affarijiet oħra, jirrikjedi mill-Imħallef li jippresjedi l-ġuri li jindirizza lill-ġurati fuq kull punt tal-liġi li f'dak il-każ partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-ġuri u jagħmel kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu;

Din il-Qorti wara li fliet sewwa l-arringa kollha tad-difiża hi ultra konvinta li jekk it-teżi tad-difiża in kwistjoni ma kinitx konfużjonarja kienet ċertament legalment skorretta u ma setgħetx tiġi sottomessa lill-ġurija fl-indirizz bl-istess mod li pprospettaha d-difensur għax kieku l-Imħallef kien ikun qed jindirizza ħażin f'dik li hi liġi lill-ġurati. Jiġifieri in kwantu qed jiġi sottomess f'din l-istanza mid-difiża li l-Ewwel Qorti pprospettat ħażin it-teżi tiegħu ċertament l-ilment hu inġustifikat u infondat;

Oltre dan però mhux veru u mhux korrett dak li qed jallega l-appellant fir-rikors ta' l-appell tiegħu u ċjoè li "l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet lill-ġurati biss li jekk l-istqarrijiet ta' l-akkużat fihomx veraċità jew le kienet ħaġa tagħhom". Infatti fl-indirizz tiegħu, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri f'diversi okkażjonijiet spjega eżawrjentement it-teżi tad-difiża;

*Omissis;*

Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk hu evidenti ħafna li mhux biss l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-indirizz lill-ġurati fiehmet lill-ġurati f'x'hix kienet tikkonsisti t-teżi tad-difiża inkwantu jirrigwarda l-allegat qerq in relazzjoni ma' l-aspett tal-volontarjetà ta' l-istqarrijiet iżda wkoll spjegatilhom li in kwantu *l-allegat qerq huma* kellhom jaraw jirriżultax u jivvizzjax l-istqarrijiet iżda in kwantu jirrigwarda l-allegata "*misrepresentation*" dan kuntrarjament għat-teżi tad-difiża ma kienx jinkwadra ruħu *fil-kuntest* ta' qerq iżda kien jippreżenta kwistjoni ta' fatt li jekk emmnut kien iwassal biex il-parti inventata mill-Ispettur tiġi skartata mill-ġurati;

F'dan l-isfond kollu għalhekk din il-Qorti ma tistax tara xi fondatezza fl-aggravju ta' l-appellant. L-Ewwel Qorti fiehmet tajjeb ħafna s-sottomissjoni tad-difiża, spjegata dettaljatament lill-ġurati u spjegatilhom ukoll li mil-lat legali l-posizzjoni in kwantu jirrigwarda l-allegata "*misrepresentation*" ma kinitx kif poġġietha d-difiża iżda kif kienet qed tpoġġiha l-istess Qorti;

Ikkunsidrat fuq it-tieni aggravju;

*Omissis;*

L-appellant qed jissottometti fl-ewwel lok dawn il-punti kollha bħala aggravji u ċjoè:

1) L-Ewwel Qorti prattikament stiednet lill-ġurati jiskartaw id-difiża tal-qerq;

2) Fi kwalunkwe każ l-Ewwel Qorti ħalliet lill-ġurati fi stat

ta' konfużjoni dwar jekk il-qerq jivvizzjaw jew le stqarrija;

3) L-Ewwel Qorti *"misdirected"* lill-ġurija fuq punt ta' dritt għax l-ingann jivvizzja;

4) L-Ewwel Qorti ma fiehmitx x'kienet qed tissottometti d-difiża bħala li jikkostitwixxi qerq u f'dan ir-rigward sgwidat lill-ġurati;

Illi hu opportun qabel xejn jiġi kkunsidrat it-tielet wieħed minn dawn l-ementi u ċjoè jekk hux minnu li l-Ewwel Qorti *"misdirected"* lill-ġurati fuq jekk il-qerq jivvizzjax jew le stqarrija. F'dan ir-rigward l-appellant jissottometti li in materja ta' dritt id-direttiva ta' l-Ewwel Qorti lill-ġurati ma kinitx korretta għaliex l-ingann ukoll jivvizja stqarrija anke jekk l-ingann mhux imsemmi espressament fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali għaliex *"fraus omnia corrumpit";*

Jekk wieħed però jeżamina x'qalet l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward u x'kienet id-direttiva tagħha lill-ġurati malajr jinduna li dan l-ilment ta' l-appellant hu kompletament infondat;

Infatti jirriżulta mill-indirizz ta' l-Imħallef (T.4/2) li qal is-segwenti kliem lill-ġurati:

*Omissis;*

B'din id-direttiva l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet qed tgħid lill-ġurati li ma setgħux ma fehmux, illi skond l-artikiolu 658 tal-Kodiċi Kriminali stqarrija biex tkun ammissibbli riedet tkun volontarja, li każijiet ta' theddid, biża', wegħdiet u twebbil ta' vantaġġi li huma speċifikament imsemmija f'dak l-artikolu

*awtomatikament* jivvizzjaw l-istqarrija u li l-ingann għalkemm mhux speċifikament imsemmi xorta jivvizzja l-istqarrija jekk huma jaslu għal konklużjoni li *rrenda* l-istqarrija involontarja. Inoltre jekk jaslu għal konklużjoni li dak l-ingann kien ukoll jammonta għal xi waħda minn dawk l-erba' kwalifiki allura jkun jivvizzja l-istqarrija *awtomatikament* in kwantu jammonta għal waħda minnhom;

Fil-fehma ta' din il-Qorti din id-direttiva ta' l-Ewwel Qorti hija korretta legalment. Infatti jekk il-liġi ma ssemmix il-qerq espressament ma setgħetx l-Ewwel Qorti tgħid lill-ġurati li però jekk *jirriżulta* l-qerq dan jivvizzja awtomatikament għaliex hu ovvju li mhux bilfors kull qerq jew ingann jinċidi fuq il-volontarjetà ta' dak li jkun. Allura l-problema *neċessarjament tirrisolvi* ruħha fl-eżami jekk dan l-ingann inċidiex jew le fuq il-volontarjetà. Din hi l-posizzjoni korretta bħal ma hija korretta d-direttiva l-oħra ta' l-Ewwel Qorti li jekk dak l-ingann ikun *jammonta* għal wieħed *miċ-ċirkostanzi msemmija* fl-artikolu 658 allura jivvizzja awtomatikament bħala waħda minnhom. Anke dan l-ilment ta' l-appellant għalhekk hu infondat;

Minn dan isegwi li mhux minnu l-ilment l-ieħor tiegħu li l-Ewwel Qorti prattikament stiednet lill-ġurati jiskartaw id-difiża tal-qerq jew li *se mai* ħalliethom fi stat ta' konfużjoni dwar jekk il-qerq jivvizzjax jew le l-istqarrija;

L-istess jingħad għall-ilment l-ieħor li l-Ewwel Qorti ma afferratx x'kienet issottomettiet id-difiża bħala li jikkostitwixxi qerq. *Infatti* jirriżulta ampjament ċar li mhux biss l-Ewwel Qorti fiehmet dak li kien issottometta d-difensur ta' l-appellat iżda ppruvat tagħti ftit ordni għall-konfużjoni li ħoloq l-istess difensur *meta in materja ta'* qerq beda jikkonfondi l-aspett tal-volontarjetà

ma' dak ta' l-veraċità ta' l-istqarrijiet, aspett li fuqu din il-Qorti diġà esprimiet ruħha waqt li kienet qed tikkonsidra l-Ewwel aggravju ta' l-appell;

Fl-aħħarnett qabel tagħlaq fuq dan l-aggravju din il-Qorti tara li hu opportun li jsiru żewġ osservazzjonijiet oħra dwar dak li qed jissottometti l-appellant;

L-ewwel osservazzjoni tirrigwarda l-attitudni li hu ħa fil-konfront tal-kliem ta' ħbiberija li s-Supt. Psaila allegatament qallu biex ottjena l-fiduċja tiegħu u sussegwentement l-*istatement* tiegħu. L-appellant qies dan il-kliem bħala qerq u allega wkoll li ma ndunax li s-Supt. Psaila kien uffiċjal tal-Pulizija u b'hekk ġie ingannat biex wara wkoll anqas biss jieħu l-briga li jivverifika l-*istatement;*

Jirriżulta invece mill-provi inkluża x-xiehda ta' l-istess akkużat fil-ġuri waqt il-kontroeżami li t-teżi tiegħu li hu ma ndunax mill-ewwel min kien l-Ispettur Psaila hija inverosimili għall-aħħar. Fil-fatt anki fix-xiehda tiegħu stess darba qal li nduna li kien Spettur meta tellgħu l-Qorti u wara ammetta li f'ċertu ħin waqt l-interrogatorju nduna li kien qed jitkellem mal-liġi. Kif ma setax ma jindunax bil-presenza ta' diversi membri oħra tal-Pulizija;

Dwar l-allegata stratagemma użata mill-Ispettur Psaila mbagħad din il-Qorti trid tagħmilha ċara li l-posizzjoni legali f'Malta hija fis-sens spjegat minn din il-Qorti *in re* Repubblika ta' Malta *vs* Cucciardi *et* deċiża fit-28 ta' Lulju 1981 fejn ingħad:

"Skond il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti, ibbażata fuq diversi insenjamenti dottrinali Ingliżi, dikjarazzjonijiet simili,

anke jekk ottenuti bi strateġemma, huma ammissibbli fil-konfront ta' l-akkużat li għamilhom peress li *l-Prosekuzzjoni* qiegħda ġġibhom 'il quddiem bħala prova *ta'* dak li qalu l-akkużati, basta dawn *id-dikjarazzjonijiet jekk jammontaw* għal konfessjoni ma jkunux ottenuti bi strataġemma li tammonta għal xi wieħed mid-difetti msemmijin fl-artikolu 654 tal-Kap. 12 u li jivvizzjaw il-volontarjetà ta' dawk id-dikjarazzjoni (ara Rex *vs* Giorgio Briffa Q.K. 7-11-30 mhux stampata u A.K. Pulizija *vs* Edwin Mifsud deċiża fl-20 ta' Ottubru, 1956 *Vol.* XL.IV.1228);

Fl-aħħar *waħda minn* dawn is-sentenzi ċċitati ċjoè dik *in re* Mifsud il-Qorti kienet qalet "hu xieraq li ssir l-avvertenza li b'daqshekk ma humiex qegħdin jiġu ssanzjonati u inkoraġġiti kull xorta ta' strataġemmi u artifizji għaliex fil-molteplicità tal-fatti speċji hemm indubjament gradazzjoni, u jista' jagħti l-każ li strataġemma jew artifizju adibit biex tiġi pprokurata konfessjoni jkun tali *li jattakka l-volontarjetà tal*-konfessjoni li jirrendiha inammissibbli. *Għalhekk* l-uffiċjali tal-Pulizija għandhom jipproċedu bl-ikbar ċirkospezzjoni";

Din hi l-posizzjoni legali kif dejjem ġiet sostnuta minn dawn il-Qrati u fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ apparti milli hu ovvju li l-allegat kliem ta' *l-Ispettur* Psaila diffiċilment seta' jikkwalifika bħala *waħda minn* dawk l-istrataġemmi li jivvizzjaw jidher bl-iktar *mod ċar* li fl-indirizz tagħha lill-ġurati l-Ewwel Qorti kienet korretta u in konformità mad-dottrina u ġurisprudenza tal-Qrati tagħna;

It-tieni osservazzjoni tirrigwarda *l-caution;*

Mir-rikors *ta' l-appell ma jidhirx* li l-appellant qiegħed jilmenta *li* l-*Ewwel* Qorti indirizzat ħażin lill-ġurati però qiegħed

jissottometti bħala fatt li l-*caution* ma ngħatatx u li dan issoda l-qerq billi hu ġie indett jagħmel *statement* li altrimenti ma kienx jagħmel u inoltre indett ukoll ma jagħtix każ jivverifika xi tnizzel fih;

Dwar il-*caution* il-posizzjoni legali f'Malta għadha kif spjegata l-Ewwel darba mill-Qorti Kriminali *in re* Rex *vs* George Briffa (Vol. XXVII – p. 616) u ċjoè illi "*la preventiva ammonizione degli interrogati di non essere tenuti a rispondere e di poter ogni loro detto essere prodotto in prova contro di loro sebbene raccomandabile e praticata in molti casi, almeno dopo che la Polizia ha deciso di accusare l'individuo di un reato, non è nel nostro sistema giudiziario reputata come indispensabile per la ricevibilità di quale dichiarazioni, le quali sono state sempre ammesso in prova anhce quando non accompagnate da tale ammonimento*" (ara wkoll App. Krim. Pulizija *vs* James Ward 21-4-45 inedita);

Il-posizzjoni għalhekk hija li għalkemm huwa desiderabbli ħafna li l-*caution* tingħata dejjem u li tingħata sew il-fatt li ma tingħatax ma jivvizzjax awtomatikament l-istqarrija għalkemm evidentement jista' jkun indizju qawwi dwar il-volontarjetà o meno tagħha. Min-naħa l-oħra kif spjegat mill-awturi u anki minn dawn il-Qrati (ara App. Krim. Pulizija *vs* Anthony Cassar deċiż fit-30 ta' Novembru 1978), l-effett tal-*caution* huwa li f'ħafna każi telimina kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu dwar il-volontarjetà ta' l-istess stqarrija, iżda darba jirriżulta – oneru ta' prova dan li jaqa' fuq il-prosekuzzjoni – illi l-istqarrija tkun ittieħdet volontarjament fis-sena tar-rekwiżiti ta' l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, dik l-istqarrija tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha;

Jirriżulta lil din il-Qorti li kien proprju fuq din il-linja li l-Ewwel Qorti indirizzat lill-ġurati u jirriżulta wkoll li dak li asserixxa l-akkużat u ċjoè li ma ngħatax *caution* ġie sottomess lill-ġurati li tħallew fil-libertà jiġġudikaw;

Ikkunsidrat fuq it-tielet aggravju ta' l-appell:

*Omissis;*

Hu evidenti li fir-rigward ta' l-aspett ta' l-arrest illegali l-appellant qed jilmenta fuq l-*istess* bażi bħal fil-każ tal-qerq, ċjoè qiegħed jippretendi li l-Ewwel Qorti jmissha indirizzat lill-ġurati fis-sens li appena jirriżultalhom l-arrest illegali allura l-istqarrija għandha awtomatikament tiġi skartata bħala involontarja;

Il-posizzjoni legali fil-liġi Maltija però mhux kif qed jgħid l-appellant;

L-appellant qed jippretendi li diġà kien hemm pronunzjament minn dawn il-Qrati fuq il-kwistjoni in konformità mas-sottomissjoni tiegħu u ċċita s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tad-29 ta' Novembru, 1982 *in re* "Il-Pulizija *vs* Joseph Ellul Sullivan *et*" u ppretenda li l-Ewwel Qorti kellha ssegwi dik is-sentenza;

Dik is-sentenza però ma qalitx dak li fehem l-appellant. F'dik il-kawża rriżulta li kienet ġiet ottenuta stqarrija mingħand Joseph Ellul Sullivan waqt arrest illegali. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha wara li stabbiliet dan bħala fatt iddeċidiet li tisfilza l-istqarrija in kwistjoni, mingħajr ma qalet xejn iżjed bħallikieku l-isfilz kien xi miżura tassattivament rikjest mil-liġi. In sede ta' appell l-Avukat Ġenerali kkontesta dik id-deċiżjoni

ta' l-Ewwel Qorti fuq il-bażi li b'daqshekk il-Prosekuzzjoni ġiet impeduta fil-kawża milli ġġib xi prova li kienet indispensabbli biex issaħħaħ l-akkuża u li skond il-liġi setgħet tinġieb. Il-Qorti ta' l-Appell imsemmija fis-sentenza tagħha ma qablitx ma' dik is-sottomissjoni u qalet li "fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti ma tħossx li l-Prosekuzzjoni ġiet impeduta fil-kawża li ġġib xi prova iżda qed jiġi stabbilit li l-Prosekuzzjoni ġiebet il-prova però l-Qorti ma ħaditx konjizzjoni tagħha għax qieset dawk l-*istatements* illegali". Il-punt ta' jekk fil-fatt *statement* meħud waqt arrest illegali hu ivvizzjat awtomatikament qatt ma qam u qatt ma ġie deċiż minn dik il-Qorti fl-appell imsemmi. Anzi dik il-Qorti rraġunat li l-Ewwel Qorti biex waslet għall-konklużjoni tagħha bilfors kienet għamlet apprezzament tal-fatti u waslet għall-konklużjoni li dik l-istqarrija ma kinitx volontarja u għalhekk dak l-apprezzament ma kienx qed jiġi ddisturbat anki għaliex sas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti l-*istatements* kien għad ma ntqal xejn fuqhom;

Kemm fil-fatt mar żmerġ id-difensur ta' l-appellant f'din is-sottomissjoni tiegħu jemerġi minn sentenza oħra ta' dik l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali ppresjeduta mill-istess Imħallef li ta s-sentenza preċedenti mogħtija fit-8 ta' Marzu 1984 *in re* Il-Pulizija *vs* Grazzju Spiteri. F'din is-sentenza fejn saret l-istess sottomissjoni ċjoè l-illegalità awtomatika ta' stqarrija meħuda waqt arrest illegali dik il-Qorti qalet hekk:

"Illi m'hemmx dubju li hawn qegħdin f'kamp ta' natura strettament legali li jipprejokkupa mhux ftit lill-Qorti. Din il-Qorti però trid tagħmilha ċara li mhux fil-kompetenza tagħha li toħloq hi liġijiet ġodda u tinjora dak li pprovda l-leġislatur. Ma tonqosx illi meta jkun il-każ, bħal ma ġieli kien, tagħti l-interpretazzjoni tagħha iżda ma jistax l-appellant jippretendi iktar

minn hekk. Fil-każ in diżamina *l-appellant* qed jippretendi iktar minn hekk. Fil-każ in diżamina l-appellant jippretendi li din il-Qorti għandha timxi pass 'il quddiem u tapplika xi kwalità ta' *"exlusionary rule"* simili għal dik applikata fl-Istati Uniti. Apparti *mill-fatt li din il-prattika dejjem kienet kontroversjali* fl-Istati Uniti..... għandu jiġi osservat li bħal ma hi l-liġi fl-Ingilterra din ir-regola ma ssibx applikazzjoni fil-liġi tagħna. Infatti skond il-liġi tagħna anke jekk konfessjoni għax meħuda kontra l-liġi tkun inammissibbli bħala prova jekk il-kontenut tagħha hu sostanzjat bi provi oħrajn li ma kinux jinstabu kieku ma kienx għal dik l-istqarrija dawn jistgħu jinġiebu bħala prova";

Fil-fatt f'din il-materja l-insejament ta' din il-Qorti dejjem kien uniformi u ma setax ma jkunx għax wara kollox il-*liġi mkien* ma tgħid dak li qed jissottometti l-appellant. Fis-sentenza tagħha *in re* Ir-Repubblika ta' Malta *vs* George Attard deċiża fil-15 ta' Jannar 1980 din il-Qorti f'każ fejn ukoll *si trattava* ta' stqarrija allegatament meħuda waqt arrest illegali kienet qalet hekk:

"Issa fil-każ preżenti anki fuq l-assunt (u għall-finijiet preżenti hu biżżejjed li dan jibqa' biss bħala assunt) *li* dan l-aġir tal-*Pulizija* kien *illegali, jibqa'* li ma jidhirx mill-provi li dan b'xi mod inċida fuq il-volontarjetà ta' l-ammissjoni ta' l-akkużat li hi ammissjoni miktuba u li anki huwa ffirma wara li ddikjara espliċitament u univokament bil-miktub illi għamilha għax ried *mingħajr ebda biża' ta'* theddid jew *promessi ta' vantaġġ* u anki wara li ġie mwissi li ma kienx obbligat iwieġeb għad-domandi li sarulu u li kull ma jgħid kien jista' jingħata bħala xiehda";

Fil-fatt in-numtru ta' sentenzi ta' dawn il-Qrati li jistabbilixxu li l-liġi tagħna ma tinkludix l-*"Exclusionary Rule"* li hemm fl-Istati Uniti huma ħafna u a skans ta' ripetizzjonijiet

din il-Qorti sejra sempliċement tagħmel riferenza għal tnejn minnhom ċjoè Rex *vs* T. Smallwood *et* – Vol. XXXI – P. 340 u Rex *vs* Ġanni Muscat deċiża fil-11 ta' Mejju 1944 u li hi inedita;

Fil-qosor għalhekk il-posizzjoni li dawn il-Qrati dejjem ħadu fir-rigward ta' ċirkostanzi li m'humiex waħda mill-erba' msemmija fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali hija li f'kull każ għandu jiġi eżaminat jekk dak li jkun ġie allegat effettwax il-volontarjetà ta' l-*istatement* u li din hi kwistjoni ta' fatt rimessa għal min irid jiġġudika u f'dan ir-rigward jistgħu jiġu ċċitati dawn is-sentenzi. Rex *vs* George Briffa, Qorti Kriminali, 7 ta' Novembru 1930 (inedita), Appell Kriminali *in re* Il-Pulizija *vs* Edward Mifsud deċiż fl-20 ta' Ottubru 1956 (Vol. XL.IV.1228), Appell Kriminali deċiż minn din il-Qorti *in re* Repubblika ta' Malta *vs* Cucciardi *et* fit-28 ta' Lulju 1981, Appell Kriminali Inferjuri Il-Pulizija *vs* John Attard deċiż fid-29 ta' Settembru 1947 (inedita);

Jirriżulta għalhekk li l-Ewwel Qorti in kwantu jirrigwarda l-kwistjoni ta' kemm jista' jkun rilevanti l-fatt li l-istqarrija tas-26 ta' Ottubru 1981 ittieħdet waqt allegat arrest illegali indirizzat tajjeb lill-ġurija u li l-ilment relattiv ta' l-appellant f'dan ir-rigward hu inġustifikat anki għax ibbażat fuq interpretazzjoni skorretta tal-liġi;

L-appellant issottometta wkoll f'dan ir-rigward li l-Ewwel Qorti ħolqot konfużjoni f'moħħ il-ġurati dwar jekk l-element ta' l-arrest illegali jivvizzjax jew le. Anki dan l-ilment però hu infondat. Din il-Qorti diġà rrilevat dak li qalet l-Ewwel Qorti fir-rigward ta' l-arrest illegali waqt l-indirizz tagħha lill-ġurati u bħal fil-każ tal-qerq il-messaġġ kien wieħed ċar u univoku.

Ċjoè il-ġurati kellhom jiddeċiedu mhux li l-arrest illegai awtomatikament jivvizzja l-istqarrija iżda kellhom jaraw affettwax il-volontarjetà jew jekk ammontax għal xi wieħed mill-ipotesijiet imsemmija fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali billi fiż-żewġ każi kien jivvizzja;

Anki t-tielet aggravju għalhekk hu infondat;

Ikkunsidrat dwar ir-raba' aggravju ta' l-appellant;

*Omissis;*

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti trid tesprimi r-rammariku u d-dispjaċir tagħha li wasalna fl-istat li avukat jissottometti lill-Qorti li l-għagħa tal-pubbliku huwa l-polz u l-miżura tal-ġustizzja fi proċess kriminali. Fil-fehma tal-Qorti li tgħid li wara smigħ tax-xhieda u d-diskors tad-difiża l-pubbliku ħass li kellu jkun hemm verdett ta' liberazzjoni hu indikattiv li l-verdett tal-ġurati hu ħażin jammonta għal kumment li din il-Qorti qatt ma stennietu; f'dal-każ imbagħad il-kumment ma sarx bi żvista jew bħala *lapsus* għaliex fl-aħħar ta' l-aggravju l-appellant żied jgħid "Il-verdett tal-ġurija huwa l-verdett tas-soċjetà". Għalhekk, meta s-soċjetà tibqa' titkellem dwar dubju anke wara l-verdett, dan ikun sinjal ċar li l-verdett ma jinkwadrax sew". Din il-Qorti trid tagħlaq l-inċident hawn però tittama li ma jinġibux quddiemha argumenti simili mhux ibbażati fuq il-liġi;

Ikkunsidrat fuq l-aggravji proprju illi l-appellant qed jipprospetta diversi ċirkostanzi li skond hu kellhom iwasslu lill-ġurati biex jikkonkludu li hemm dubju raġonevoli u għalhekk kellhom jilliberawh;

Iċ-ċirkostanzi kollha elenkati mill-appellant ġew mhux biss spjegati lill-ġurati iżda l-istess difensur daħal fid-dettal waqt l-arringa tiegħu u ma jistax ikun hemm dubju jekk il-ġurati fehmuhx jew le. Inoltre l-istess punti ġew ukoll imsemmija mill-Qorti fl-indirizz tagħha b'mod li allura wieħed bil-fors irid jikkonkludi li l-ġurati kellhom stampa ċara ta' dak li kienet qed tipprospetta d-difiża. Jidher li kieku l-ġurati aċċettaw il-validità ta' dawn is-sottomissjonijiet il-konklużjoni kienet neċessarjament tkun bħal dik ipprospettata mid-difiża ċjoè tad-dubju raġonevoli. Kontra dawn is-sottomissjonijiet però kien hemm alternativi oħra li jekk emmnuti kienu biżżejjed biex iwasslu għall-verdett ta' ħtija fosthom it-tieni stqarrija ta' l-akkużat li evidentement ġiet emmnuta mill-ġurati. Fil-fatt filwaqt li s-sottomissjonijiet tad-difiża kienu diretti biex joħolqu d-dubju raġonevoli bl-intendiment li hawn *si trattava* ta' 'aċċident' u mhux ta' omiċidju volontarju, it-tieni *statement* ta' l-akkużat jekk emmnut flimkien ma' ċirkostanzi oħra li rriżultaw seta' raġonevolment iwassal għal verdett ta' ħtija. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-posizzjoni ta' din il-Qorti ma tistax tkun li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-ġurija *una volta* l-ġurija a bażi tal-fatti setgħet tasal għal dak il-verdett raġonevolment;

Ser jiġi issa eżaminat il-ħames aggravju ta' l-appell;

*Omissis;*

Illi qabel xejn, jiġi osservat li l-fatt allegat mid-difiża skond hu joħloq dubju raġonevoli jekk setax kien il-każ li l-mewta kienet waħda aċċidentali u din hija sottomissjoni azzardata ħafna u inoltre fiċ-ċirkostanzi tal-każ inġustifikata. Dana qed jingħad għaliex il-ġurati ġew indirizzati fis-sens li in mankanza ta' prova *ad hoc* kellhom xorta waħda jaraw jekk il-mejta kinitx xorbot

u kemm kienet xorbot u kellhom ukoll jaraw l-aspett ipprospettat mid-difiża għal dik li hi aċċidentalità. Fil-fatt jidher ovvju li l-ġurati esk1udew l-aċċidentalità però li wieħed jasserixxi li dan sar għax ma kellhomx il-prova tas-sokor hu *"toto coelo"* immaġinarju. Jidher ovvju li l-ġurati evidentement emmnu bħala l-verità dak li qal l-akkużat fit-tieni stqarrija tiegħu u li dan kien il-fattur determinati, mhux in-nuqqas ta' l-analiżi adegwata għal alkoħol fid-demm;

Apparti dan però meta l-Ewwel Qorti qalet *lill-ġurati* li n-nuqqas ta' eżami tempestiv dwar il-livell ta' alkoħol fid-demm ma kienx jaggrava biss lid-difiża iżda lill-proċess kollu ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja mhux biss kienet qed tgħid il-verità fattwali u legali iżda kienet qiegħda wkoll tgħid lill-ġurija li dan in-nuqqas kien jaggrava lid-difiża u għalhekk kellhom joqogħdu attenti meta jivvalutaw il-provi dwar kemm setgħet kienet xorbot il-mejta. L-indirizz f'dan ir-rigward ma jħallix dubju dwar kemm qagħdet attenta l-Ewwel Qorti. Dan l-aggravju għalhekk hu wkoll infondat;

Ikkunsidrat dwar is-sitt aggravju;

Fi kliem ir-rikors ta' l-appell l-ilment ta' l-appellant jikkonsisti f'li ġej:

"6. Illi t-*turning point* tal-ġuri kien is-*'slant'* sfavorevoli għall-akkużat f'diversi partijiet ta' l-indirizz. L-eżempji magħżula kienu proprju dwar l-għaddis ta' ras Rosina Casaletto fl-ilma tal-banju – l-aktar punt ikkontestat fil-Ġuri. L-ewwel Qorti qalet ukoll lill-ġurati biex jaraw jekk Rosina Casaletto setgħetx kienet mejta "qabel ma niżżlilha rasha"; dan kien jammonta għal stedina lill-ġurati biex jagħmlu *'an inference of guilt'* ";

Illi din il-Qorti fliet l-indirizz ta' l-Ewwel Qorti u effettivament hemm diversi brani fejn l-Ewwel Qorti rriferiet għall-għaddis ta' ras il-mejta fl-ilma tal-banju però kull riferenza għal hekk saret dejjem fil-parametri tal-liġi billi ma kien hemm qatt is-*slant* li qed jippretendi l-appellant. Il-ġurati nfatti dejjem ġew indirizzati li l-ewwel u qabel kollox kellhom jaraw hux veru jew le li l-akkużat kien għaddsilha rasha taħt l-ilma. Inoltre jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti kienet qed tipprospetta l-ħin kollu t-tliet kontinġenzi li d-difiża stess kienet ipprospettat u ċjoè jekk kienx każ ta' suwiċidju, każ ta' aċċident jew każ ta' għemil ta' ħaddieħor doluż jew mhux doluż;

*Omissis;*

In konklużjoni fuq dan l-aggravju din il-Qorti minn eżami ta' dawn il-brani kif ukoll ta' brani fejn hemm riferenza għal x'seta' għamel l-akkużat hi konvinta li fl-ebda ħin ma kien hemm is-*slant* li qed jipprospetta l-appellant. Anzi jirriżulta ripetutament mill-indirizz li l-Ewwel Qorti kienet qiegħda dejjem tattira l-attenzjoni tal-ġurati li kellhom dover li jaraw huma u huma biss jekk l-għarqa ta' Rosina Casaletto kienet dovuta għall-fatt li żewġha l-akkużat għaddsilha rasha jew kinitx dovuta għal xi kontinġenza oħra;

Anki dan l-aggravju għalhekk huwa infondat u din il-Qorti issa ser tgħaddi biex tikkunsidra s-seba' aggravju ta' l-appell;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi minn eżami tal-parti relattiva mill-indirizz ta' l-Ewwel

*Qorti*, din il-Qorti ma tistax tara kif l-appellant jista' jsostni l-aggravju tiegħu ħlief għax ma għandux konjizzjoni valida tan-nozzjoni ta' l-intenzjoni speċifika fl-omiċidju volontarju. Infatti skond il-liġi tagħna fl-omiċidju volontarju l-intenzjoni mhux trid tkun bilfors dik ta' qtil *(animus necandi)*. Hu biżżejjed jekk l-intenzjoni kienet li jpoġġi l-ħajja ta' dak li jkun f'perikolu ċar. Meta l-intenzjoni hi li toqol allura dik hija intenzjoni diretta. Meta l-intenzjoni hija li tpoġġi l-ħajja f'perikolu ċar dik hija intenzjoni posittiva indiretta. Il-liġi tagħna kif qal Sir Anthony Mamo fin-noti tiegħu fuq il-Kodiċi Kriminali *"has considered that from the point of view of wickedness, having regard to the consequences ensuring, there is nothing to distinguish between a man who with the positive clear intent of killing proceeds to do an act which in fact causes death, and the man who, although without positively desiring to kill, yet does an act which inherently and obviously is likely to kill and in fact causes death. The knowledge that the act is likely to kill, or the recklessness whether death, clearly foreseen as probable, shall ensure or not, is properly treated by the law on the same footing as the positive intention to kill"*;

Skond id-dottrina l-intenzjoni hija indiretta meta l-event kien sempliċement konsegwenza possibbli ta' l-acuts reus liema event jew ma kienx previst jew kien previst iżda mhux mixtieq. Jekk tali event kien previst u minkejja dan l-*actus reus* kien mixtieq u volontarju allavolja l-konsegwenza ma kinitx mixtieqa, l-intenzjoni indiretta tissejjaħ posittiva. Jekk mill-banda l-oħra l-event possibbli ma kienx la mixtieq imma lanqas previst, l-intenzjoni indiretta tissejjaħ negattiva;

Din hi d-dottrina in materja ta' intenzjoni fid-dritt penali u dan hu proprju dak li l-Ewwel Qorti spjegat lill-ġurati u ċjoè

li l-intenzjoni diretta kif ukoll dik posittiva indiretta in materja ta' omiċidju jwasslu għal *"dolus"* mentri l-intenzjoni indiretta negattiva tammonta għal negliġenza jew għal "casus";'

Għalhekk din il-Qorti sempliċement ma tistax tifhem kif l-appellant qed jallega li l-Ewwel Qorti ħawdet l-element tad-*"dolus"* ma' tal-*"culpa"* u għalhekk anke dan l-aggravju hu infondat;

Ikkunsidrat fuq it-tmien aggravju:

*Omissis;*

L-appellant ilmenta wkoll li fis-27 ta' Ottubru 1981 ittieħdet ix-xiehda ta' Endrich waqt l-inkjesta tal-Maġistrat fl-Edifiċċju tal-*Headquarters* tal-Pulizija. F'dan però din il-Qorti bħal ma rrilevat l-Ewwel Qorti fl-indirizz tagħha ma tara xejn x'tiċċensura. Hu fatt notarju li fl-inkjesti ħafna drabi x-xiehda importanti tittieħed kemm jista' jkun malajr u fejn ikun l-iktar konvenjenti fiċ-ċirkostanzi u f'dan ma hemm xejn illegali jew irregolari;

L-istess l-appellant m'għandux raġun jilmenta għax il-Qorti ċanfritu meta beda jattakka l-mod kif ittieħdu l-*istatements* ta' Sandra Endrich. Endrich ma kinitx akkużata u dak li kien rilevanti fil-ġuri kien il-fatt li kienet qed tixhed *viva voce* u mhux il-fatt ta' kif ittieħdu l-*istatements* tagħha li wara kollox ma jistgħu qatt jibbenefikaw minn dawk previst mill-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali;

Fl-aħħarnett il-fatt li l-Ewwel Qorti lill-ġurati qaltilhom li kellhom ukoll jikkonsidraw anke dak li jirriżulta li ntqal mhux

taħt ġurament ma jistax jaġevola lill-appellant għaliex fil-fatt din hi verità legali li *anzi għandha rilevanza tista' tgħid f'kull ġuri* speċjalment għall-fini ta' kredibilità;

*Ikkunsidrat dwar id-disa' aggravju:*

*Omissis;*

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tiskanta kif l-appellant qed jilmenta li l-Ewwel Qorti eskludiet id-difiża sussidjarja tal-konkawża sija fir-rigward ta' l-akkuża ta' omiċidju volontarju, sija fir-rigward tar-reat kompriż u involut ta' ferita gravi segwita bil-mewt. Dak li jirriżulta invece hu li d-difiża ħarġet b'teorija ġdida ta' x'jammonta għal konkawża li hi *inaċċettabbli tħares* minn fejn tħares lejha u l-Ewwel Qorti mhux biss spjegat lill-ġurati kif għandha tirriżulta l-konkawża anzi spjegatilhom ukoll li kif kienet qed tiġi pprospettata mid-difiża kienet inkompatibbli mal-liġi. Infatti l-appellant imissu jaf li d-dottrina tal-konkawża ma tista' qatt tapplika għad-delitt ta' l-omiċidju volontarju. Li mbagħad jilmenta *li ma ġietx* ipprospettata fir-rigward tal-ferita gravi segwita bil-mewt hu skorrett għall-aħħar għax jirriżulta li l-Ewwel Qorti meta kienet qed tindirizza lill-ġurati fuq l-alternattiva tal-ferita gravi segwita bil-mewt daħlet fid-dettal tal-konkawża (ara T.6/8 – 10) u spjegat ukoll li d-difiża kienet skorretta meta kienet qed tallega li *"supervening"* ma tfissirx li tiġi wara. Infatti din l-Ewwel darba li din il-Qorti kellha l-opportunità li tisma' li *"supervening"* ma tfissirx dak li dejjem fissret u ċjoè li tissopraġġunġi ċjoè tiġi wara. Hu rilevanti hawn jiġi rrilevat li l-artikolu in kwistjoni li jirregola l-konkawża fit-*test* oriġinali Taljan tiegħu kien espressament jadopera l-kliem *"causa accidentale sopraggiunta"*;

Anke dan l-aggravju għalhekk hu infondat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat dwar il-ħdax l-aggravju;

*Omissis;*

Illi l-appellant jilmenta li d-difiża tiegħu ta' l-omiċidju involontarju ma ġietx mogħtija attenzjoni mill-Ewwel Qorti hija forsi l-iktar asserzjoni gratuwita f'dan l-appell da parti ta' l-appellant. Dana għaliex fil-fatt mill-eżami ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri waħda mill-aktar affarijiet li jemerġu ċari hi li l-Ewwel Qorti għamlet enfasi fuq l-omiċidju involontarju ħafna aktar milli fil-fatt għamlet id-difiża;

Dwar l-ilment tiegħu dwar l-indirizz in kwantu dirett lejn id-difiża tal-ferita gravi segwita mill-mewt dak li qed jissottometti l-appellant mhux korrett. Diġà ġie spjegat li l-ispjegazzjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar x'jikkostitwixxi l-*mens rea* fl-omiċidju kienet mhux biss korretta iżda anki eżawrjenti. Kwantu għal *mens rea* fil-ferita gravi segwita bil-mewt jirriżulta mit-traskrizzjoni ta' l-indirizz li l-Ewwel Qorti spjegat f'x'hix tikkonsisti billi qalet li trid tkun **eskluża** l-intenzjoni li toqtol jew tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar. L-Ewwel Qorti indirizzat lill-ġurati wkoll li l-intenzjoni trid tkun tikkonsisti fil-volontà li tagħmel ħsara fuq il-persuna ta' dak li jkun u li tkun xi tkun il-ħsara, indipendentement minn x'hix jaħseb hu, irid jirrispondi għal dak li fil-fatt imbagħad ikun irriżulta;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi *tiċħad l-istess* u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata inkluża l-ordni li mill-piena inflitta għandu jitnaqqas il-perijodu kollu ta' arrest preventiv li l-appellant skonta in *konnessjoni* ma' dan il-każ. Fl-aħħarnett tattira l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet tar-Repubblika tad-29 ta' Jannar 1987 u tal-*warrant* ta' l-Aġent President tar-Repubblika tad-29 ta' Mejju 1987 in kwantu dawn jista' jibbenifika minnhom l-appellant.